MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 338/2006/1

**J. E. M. Investments Limited**

**vs**

**Chevron Limited u**
**B & B Property Development Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat it-8 ta' Novembru tas-sena 2006 li permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjetajiet intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta' tlett elef tlett mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u sittax–il centezmu (LM3,377.16,0), oltre l-imghax legali mis-7 ta' Novembru tas-sena 2006, rapprezentanti imghax dovut fis-27 ta' Settembru ta' l-1989, ghall-iskadenza li ggib l-istess data skond kuntratt tas-27 ta' Settembru ta' l-1986, fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza hawn esebit bhala Dok JEM1 u dana wara sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Joseph Borg noe vs Norman Buckle fis-16 ta Dicembru tas-sena 2003, esebita bhala Dok JEM2 u dan skond "*statement of account*" esebit bhala Dok JEM3, Dok JEM4 u Dok JEM5;

2. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2006 li permezz taghha wiegbu bil-mod segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija milquta bil-preskrizzjoni ai termini tal-ligi;

2. Illi fit-tieni lok, bla pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti kien thallas a saldu tad-drittjijet kollha tieghu taht is-sentenza premessa meta kien zbanka l-ammont dovut lilu mic-cedola numru 794/03 fl-ismjiiet *Verdala Mansions Limited vs J.E.M. Investments Ltd*; u ghalhekk qieghed jintalab minn issa l-allegazzjoni ta' l-atti tac-cedola premessa;

3. Illi fit-tielet lok, it-talba hija nulla fil-ligi stante li essenzjalment hija talba ghall-hlas ta' imghax kompost li inoltre jeccedi r-regola ta' l-*ultra dupplum;*

4. Illi r-raba` lok it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fil-ligi, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-rikors ta’ l-intimati datat it-30 ta’ Mejju tas-sena 2007 fejn permezz ta’ l-istess is-socjetajiet intimati ndikaw fl-ewwel lok l-artikolu 2156(d) u/jew (f) tal-Kodici Civili bhala l-artikolu rilevanti ghall-ewwel eccezzjoni taghhom, u fit-tieni lok gibdu l-attenzjoni tal-qorti li l-provi necessarji f’din il-vertenza huma ta’ natura dokumentarja u konsegwentement talbu lil din il-qorti:

1. tiehu konjizzjoni tal-preksrizzjoni precitata;

2. tordna l-allegazzjoni ta’ l-atti tac-cedola numru 794/03 fl-ismijiet indikati fl-istess rikors;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Gunju tas-sena 2007 li permezz tieghu ordnat in-notifika lill-kontro-parti u rrizervat decizjoni fir-rigward wara li tkun semghet lill-partijiet;

Rat id-digriet ulterjuri taghha datat it-23 t’Ottubru tas-sena 2007, fejn wara li semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet iddegretat li stante li dak ribadit fir-rikors de quo ma jirrizultax pruvat, cahdet it-talba ta’ l-istess rikorrenti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta’ kuntratt datat is-27 ta’ Settembru ta’ l-1986 in atti tan-Nutar Dottor Victor

John Bisazza is-socjeta` rikorrenti ikkonkludiet kuntratt ta’ mutwu fl-ammont ta’ mitejn hamsa u tmenin elf Lira Maltin (LM285,000.00,0), lis-socjeta` Chevron Limited;

2. Illi s-socjeta` Chevron Limited intrabtet permezz ta’ l-istess kuntratt fuq indikat li thallas lura l-imsemmija somma hekk lilha mislufa skond il-modalitajiet u termini hemm pattwiti;

3. Illi ghalkemm skont l-istess rapprezentant ufficcjali tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li s-socjeta` mutwatarja, (Chevron Limited), ma rrifondietx l-ammont lilha misluf, inkluz l-interessi dovuti, dan bil-gurament tieghu kkonferma li l-pagamenti dovuti kienu gew finalizzati bl-eccezzjoni ta’ l-ahhar zewg pagamenti u dan, inkluz ukoll l-imghaxijiet relattivi;

4. Illi pero` din il-procedura hi limitata ghall-ammont ta’ imghax dovut fuq dawn l-ahhar zewg pagamenti dovuti, li skont l-istess rapprezentant u r-rezokont prodott minnu ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti, komplessivament jammontaw ghall-erbat elef sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM4,646.45,0), (ara fol 45, 46 u 23), li izda gie limitat ghal tlett elef tlett mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u sittax-il centezmu (LM3,377.16,0), fir-rikors promotur, (ara fol 1);

5. Illi nonostante li s-socjeta` intimata kienet giet mitluba taghmel tajjeb ghal dan l-ammont din baqghet inadempjenti u konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kellha tirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni tas-socjetajiet intimati tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu pacifiku li s-socjeta` Chevron Limited kienet isselfet l-ammont indikat aktar qabel minghand is-socjeta` rikorrenti;

2. Illi r-rapprezentant legali ta' din is-socjeta` intimata jikkonferma wkoll bil-gurament li l-pagamenti minnha dovuti lis-socjeta` rikorrenti kienu saru b'mod regolari u kienu wasslu biex jaghlqu l-pagamenti;

3. Illi kien proprju f'din il-fazi finali li nqalghu xi problemi bejn il-partijiet;

4. Illi l-imsemmi rapprezentant legali tas-socjeta` intimata fuq indikata isostni li l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti mhux dovut ghaliex dan l-ammont qatt ma kien inkluz fl-ebda prospett u qatt ma kien gie mitlub ihallashom;

5. Illi jsostni wkoll li konsegwenza tad-diversi proceduri legali ohra bejn il-partijiet, l-ammont finali dovut mis-socjeta` intimata Chevron Limited gie hemm determinat u hu biss dan l-ammont li ghandu jigi mhallas lis-socjeta` rikorrenti;

6. Illi ghalhekk is-socjetajiet intimati qed jopponu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu mill-ewwel jigi ribadit li l-proceduri legali l-ohra li ttiehdu mill-partijiet ma' xulxin jaghmlu stat ta' fatt bejniethom li bl-ebda mod ma gie debitament ipprovat li b'xi mod jinfluwixxi fuq il-vertenza odjerna;

Illi din il-procedura hi espressament limitata fuq is-segwenti:

1. Il-kuntratt ta' mutwu bejn is-socjeta` rikorrenti u dik intimata Chevron Limited tas-27 ta' Settembru, 1986;

2. L-interessi dovuti lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` intimata Chevron Limited kif indikati minn rendikont appozitu;

3. Illi dawn l-interessi huma hekk dovuti a kawza ta' nuqqas ta' pagamenti mis-socjeta` intimata Chevron Limited;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` intimata Chevron Limited intrabtet li thallas lura l-mutwu li hi irceviet mis-socjeta` rikorrenti fit-termini tal-kuntratt fuq indikat;

Illi hu assodat li l-imsemmija socjeta` intimata naqset li tadempixxi ruhha ghall-kondizzjonijiet minnha hemm pattwiti stante li ma saldatx id-debtiu kollu taghha;

Illi percio` allura skattaw l-interessi dovuti li skond ir-rezokont fuq riferit, bl-ebda mod ma jirrizulta li jammonta ghall-imghax "*ultra duplum*";

Ikkunsidrat:

Illi kull ma s-socjeta` rikorrenti qed titlob jirrizultal li hu naxxenti mill-kondizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet u ma jirrizultax li hi b'xi mod qed tabbuza mis-sitwazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante dan, is-socjeta` rikorrenti ma jirrizultax li resqet xi provi fil-konfront tas-socjeta` intimata l-ohra B & B Property Development Limited u ghalhekk filwaqt li tirrespingi t-talbiet tas-socejta` rikorrenti fir-rigward ta' din is-socjeta`, qieghda wkoll tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi pero` ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` intimata Chevron Limited ghandu jinghad li l-versjoni tar-rapprezentant legali taghha ma treggix;

Illi hu pacifiku li:

1. hi kienet is-socjeta` mutwatarja;

2. hi kienet qed tirrifondi l-ammonti lilha mislufa lis-socjeta` rikorrenti ratealment;

3. hi naqset li tirrifondi l-ammonti kollha minnha dovuti;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata Chevron Limited, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Chevron Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti J.E.M. Investments Limited (C-6861), l-ammont ta' tlett elef tlett mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u sittax-il centezmu (LM3,377.16,0), ekwivalenti ghal sebat elef tminn mija u sitta u sittin Ewro u sitta u sittin centezmu (€7,866.66);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mis-7 ta' Novembru tas-sena 2006.**"**

Is-socjeta` konvenuta Chevron Limited appellat minn din is-sentenza bl-aggravji artikolati f'din l-ordni:-

1. L-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra b'kap ghaliha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta;

2. Ma setghux jintalbu interessi *ultra duplum* u lanqas imghax fuq imghax;

3. F'kull kaz l-atti ghandhom juru li t-talbiet attrici huma infondati;

Fuq il-bazi ta' dawn l-aggravji s-socjeta` appellanti talbet li jigi annullat id-digriet ta' l-ewwel Qorti tat-23 ta' Ottubru, 2007 li permezz tieghu cahdet it-talba taghha ghall-allegazzjoni tac-Cedola ta' Depozitu Numru 794/03 u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u li tigi riformata d-decizjoni tat-13 ta' Ottubru 2009 billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat lis-socjeta` konvenuta B & B Property Development Limited, tirrevokaha mill-bqija fil-konfront taghha;

Huwa forsi utli li jigi replikat b'introduzzjoni illi in kwantu ghat-talba tan-nullita` tal-provvediment tat-23 ta' Ottubru, 2007, "*ne tampoco è esatto l'opporre che nella frase 'atti giudiziarii' adoperata nell'articolo 798 su ricordato non deve comprendersi la sentenza, perche a prescindere dalla considerazione gia rilevata, gli articoli 799 e 800 (*fil-prezent, l-Artikoli 789 u 790, Kapitolu 12*) delle citate leggi sotto la rubrica 'delle eccezioni di nullita di atti giudiziarii' contemplano altresi i decreti e le sentenze dei tribunali*" ("**Rosina Bonnici -vs- Paolo M. Laferla *nomine***", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1930);

Fil-kaz prezenti n-nullita invokata hi mahsuba biex tikkolpixxi d-digriet precitat fejn l-ewwel Qorti, b'semplici erba' kelmiet, iddisponiet *inter alia*, mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni specifikata billi cahdet l-istess "stante li dak ribadit fir-rikors promotur ma jirrizultax pruvat". B'dawn il-kliem il-Qorti tifhem illi l-Qorti tal-Magistrati ma illimitatx ruhha biss biex tichad l-alligazzjoni tac-Cedola Numru 794/03 izda wkoll il-preskrizzjoni opposta imsemmija fir-rikors promotur in kwantu dwar din l-eccezzjoni lanqas okkupat ruhha fid-decizjoni finali tat-13 ta' Ottubru, 2009;

Hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili, ex-Artikolu 730, illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi deciza b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fil-mertu. Fil-kuntest tezisti gurisprudenza illi jekk l-artikolu precitat ma jigix osservat l-uniku rimedju hu li s-sentenza tigi annullata

minhabba difett ta’ forma u l-atti rinvjati mill-gdid lill-ewwel Qorti. Ara b’ezemplari “**Nicola Cassar *nomine et* -vs- Carmelo Cachia**”, Appell Civili, 12 ta’ Dicembru, 1931. Ugwalment, pero`, tezisti wkoll gurisprudenza ohra li tafferma, bir-rikorrenza ghall-Artikolu 790, Kapitolu 12, illi simili eccezzjoni, li mhix espressament eccettwata ghal non-applikazzjoni ta’ dak l-artikolu, ma ghandhiex tigi intrattenuta jekk l-appell isib li s-sentenza moghtija b’dak in-nuqqas hija gusta sostanzjalment. Ara “**Carmelo Sultana *nomine* -vs- Annunziata armla Giordmaina**”, Appell Inferjuri, 22 ta’ Frar, 1964;

Huwa desumibbli minn dan espress illi qabel kull decizjoni dwar il-punt tan-nullita sollevat mis-socjeta` appellanti illi din il-Qorti tistharreg qabel xejn il-mertu u l-motivazzjoni tas-sentenza issa appellata ghal fini li jigi determinat jekk din hijiex tassew gusta sostanzjalment;

Jigi qabel kull konsiderazzjoni ohra puntwalizzat illi bl-istanza taghha s-socjeta` attrici tirreklama l-hlas ta’ imghax dovut fis-27 ta’ Settembru, 1989 ai termini tal-kuntratt pubbliku tas-27 ta’ Settembru, 1986 u l-imghax legali fuq din is-somma b’effett mis-7 ta’ Novembru 2006. Irid jinghad ukoll illi bejn l-istess partijiet jezistu zewg gudikati per Citazzjoni Numri 64/90 u 672/92 finalment decizi mill-Qorti ta’ l-Appell rispettivament fis-16 ta’ Dicembru, 2003 u 28 ta’ April, 2006;

Huwa opportun f’dan l-istadju illi jigu sew delinejati x’intalbu f’dawk il-proceduri u x’gie deciz:-

1. Bl-ewwel citazzjoni s-socjeta` talbet il-hlas ta’ Lm28,500 u l-imghaxijiet dovuti ghall-iskadenza bejn is-27 ta’ Marzu 1989 u s-26 ta’ Settembru 1989. Is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat l-ezattezza ta’ din it-talba;

2. Bit-tieni citazzjoni ntalab il-hlas ta’ Lm27,327.10 u l-imghaxijiet. Il-Qorti ta’ l-Appell f’dan il-kaz irriformat is-sentenza tal-prim’ istanza billi stabbilit li s-

somma dovuta kellha tkun Lm16,232.99 u l-imghax kif mitlub mill-15 ta’ Marzu, 1989;

3. Mis-somma ta’ Lm100,000 depozitata in garanzija fit-23 ta’ Lulju, 2003 is-socjeta` attrici zbankat b’referenza ghad-decizjoni tas-16 ta’ Dicembru 2003 s-somma ta’ Lm60,957 ossija is-somma ta’ Lm28,510 u l-imghax dekorribbli mis-27 ta’ Settembru, 1989. Hawnhekk tajjeb li jigi registrat illi ghalkemm skond dik id-decizjoni l-imghax kienu dekoribbli mis-27 ta’ Marzu, 1989, u mhux ukoll mis-27 ta’ Settembru, 1989, skond ma jinghad minn Joe Borg ghas-socjeta` attrici fl-Affidavit tieghu (fol. 107) l-ammont hekk zbankat minnu ma kienx ikopri s-somma ta’ Lm1688.58 rapprezentanti l-interessi dovuti fis-27 ta’ Settembru, 1989 ghas-sitt xhur precedenti. Ta’ min josserva wkoll illi s-somma zbankata (Lm60,953.21) kienet tkopri l-perijodu sal-21 ta’ Dicembru 2003 (ara rikors ta’ zbank a fol. 65);

4. B’rikors ta’ zbank addizzjonaliipprezentat fis-6 ta’ Frar, 2004 is-socjeta` attrici rtirat is-somma korrispondenti ghall-imghax ulterjuri mit-22 ta’ Dicembru, 2003 u ghar-rimbors ta’ l-ispejjez;

Premessi dawn ir-riljevi kif jinzlu mill-atti, din il-Qorti tistqarr illi ssibha difficli biex tacceta l-proposizzjoni tas-socjeta` attrici illi dak issa minnha reklamat bir-rikors promotur qed jintalab biex jaghmel tajjeb ghall-imghaxijiet dovuti ghall-perijodu anterjuri ghad-data tas-27 ta’ Settembru, 1989, ossija ghall-iskadenza tas-27 ta’ Marzu, 1989 sa’ dik id-data. Dan qed jinghad ghax, jekk inhu hekk, allura ghat-talba odjerna josta sew l-gudikat tas-16 ta’ Dicembru, 2003 fejn fih intlaqghet it-talba ghall-hlas tas-somma kapitali (Lm28,500) u wkoll dik ghall-imghax ghall-iskadenza bejn is-27 ta’ Marzu 1989 u s-26 ta’ Settembru 1989 (ara l-premessi tac-Citazzjoni relattiva Nru. 64/90), kif ukoll il-gudikat l-iehor tat-28 ta’ April 2006 per Citazz. Nru. 672/1992 fejn il-Qorti ta’ l-Appell iddeterminat fir-*ratio decidendi* illi ghandu jsir il-hlas tas-somma kapitali (Lm16,232.99) “bl-imghax kif mitlub mill-15 ta’ Marzu, 1989)”. Evidentement, la tezisti l-identita tal-

haga mitluba fil-kawza odjerna u fil-kawzi precedenti fejn inghataw dawk is-sentenzi, bejn l-istess persuni u bl-istess *causa petendi*, jikkonsegwi illi ghandu jkun attendibbli ghall-kwestjoni prezenti l-gudikat format b'dawk id-decizjonijiet. In kwantu tali, gjaladarba dak il-gudikat hu hekk ifformat bid-decizjonijiet fil-mertu li kienu jkopru wkoll dawk l-imghaxijiet issa mitluba, il-kwestjoni ma setghetx terga' tigi ndagata b'impunjazzjoni u, wisq anqas, bi procedura gdida ghar-rivalutazzjoni ta' l-imghaxijiet. Dan sew ghaliex *res judicata pro veritate habetur*, sew ukoll ghaliex *interest rei publicae ut sit finis litium*. Ara "**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan**", Appell Kummercjali, 5 ta' Novembru, 1934. Fic-cirkustanzi, ankorke s-socjeta` attrici tillanja li ma rcevietx il-hlas kollu lilha dovut, ma kienx il-ftuh ta' kawza gdida r-rimedju disponibbli tas-socjeta` attrici izda, se mai, jekk hekk kien il-kaz, l-ezekuzzjoni ta' dawk id-decizjonijiet gja favorevolment ottenuti;

Issa huwa veru illi l-gudikat ma tqajjemx b'eccezzjoni mill-kontroparti izda, kif drabi ohra statwit, "*la corte è in obbligo di sollevare 'ex officio' quell'eccezione, benche non sollevata esplicitamente da alcuno dei contendenti*" ("**Giuseppe Micallef -vs- Grazio Micallef**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Marzu, 1923, konfermata in sede Appell fit-23 ta' Novembru, 1923);

Jekk trid din il-Qorti tista' tieqaf hawn. B'danakollu, b'rabta ma' l-ewwel aggravju ma jistax ma jinghadx ukoll illi, gjaladarba minn ebda parti konsiderativa u operativa tas-sentenza attakkata u tal-provvediment impunjat, l-eccezzjoni tal-preskrizzjonijiet sollevati [Artikolu 2156 (d) u (f), Kodici Civili] ma giet deciza, lanqas b'kap separat flimkien mas-sentenza dan diga huwa indikattiv bizzejjed li s-sentenza appellata ma tistax tkun gusta fis-sustanza taghha. Ara f'dan is-sens konformi s-sentenzi fl-ismijiet "**Alfred Sammut *et* -vs- Peter Vella**", Appell Civili, 21 ta' Marzu, 1988, "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", Appell, 12 ta' Mejju, 1997 u "**Advanced Telecommunications Systems Co Ltd -vs- Anthony**

**Calleja**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 4 ta’ Ottubru, 2006;

Li kieku mbaghad din il-Qorti, annullata s-sentenza ghal dik ir-raguni, kellha tinoltra ruhha fl-ezami ta’ dawk il-preskrizzjonijiet in relazzjoni ghall-azzjoni proposta, una volta, kif ammess ukoll mill-konsulent legali tas-socjeta` attrici waqt id-dabattitu orali quddiem din il-Qorti fl-ahhar udjenza kienet applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali, trattasi minn imghaxijiet jew ta’ kreditu li ghandu b’oggett haga fungibbli bhal ma huma flus (ara “**Giovanni Mifsud -vs- Giuseppe Pullicino**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 19 ta’ Ottubru, 1954) jigi li l-eccezzjoni opposta tal-preskrizzjonijiet hi wahda sostanzjalment fondata;

Jikkonsegwi minn dan kollu dedott illi, thares minn fejn thares lejha, l-azzjoni ma setghet qatt tirnexxi. Dan sew proceduralment, sew sostantivament.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------